**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' April 2021**

**<u>Rikors nru: 283/2016 AGV</u>**

**AB**
**Vs**
**CD u Direttur Registru Pubbliku u Dr. Martin Fenech u PL Jean Pierre Busuttil li b' digriet datat 3 ta' Jannar, elfejn u sbatax gew mahtura bhala kuraturi deputati ghal minuri EB.**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 2 ta' Dicembru 2016, fejn esponiet bir-rispett u ppremettiet is-segwenti:-

1. Illi l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut CD minn liema relazzjoni kellhom tifel ossija l-konvenut EB, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikati tat-twelid (Dok A).

2. Illi mill-att tat-twelid tat-tifel E, jirrizulta illi l-kolonna tal-Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-missier gew registrati il-kliem « unknown father » ossija missier mhux maghruf.

3. Illi ghalkemm l-attrici interpellat lill-konvenut sabiex jirrikonoxxi l-minuri huwa baqa inadempjenti.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil dina Onorabbli Qorti sabiex;-

1. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri EB huwa l-konvenut CD

2. Tordna lic-certifikat tat-twelid tal-imsemmi minuri, jigi emendat fis-sens li jigu mnehhija il-kliem 'unknown father' mic-certifikat tat-twelid u minflok jitnizzel l-isem ta' CD, bhala missier tal-istess minuri, u kif ukoll, jigi mizjud, kull fejn jehtieg referenza ghall-konvenut, senjatament izda mhux biss, ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom il-missier il-konvenut u jekk l-istess missier il-konvenut huwa haj jew mejjet, l-eta' tal-konvenut u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghall-konvenut CD u li jidher mal-att tat-twelid citat.

3. Tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku illi jaghmel dawn l-annotazzjonijiet kollha relattivi u necessarji.

Bl-ispejjez u l-intimat minn isss ingunt in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-Risposta tad-Direttur Registru Pubbliku datata 7 ta' Frar elfejn u dsatax.

1. Illi preliminarjament f' gieh l-integrita' tal-gudizzju, l-esponent jecepixxi illi ghandha ssir korrezzjoni ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitoli 12 tal-Ligijiet ta' Malta dan sabiex fit-tieni talba hekk kif dedotta, fir-rikors promutur, l-isem ' FGH, jigi sostitwit b' dak tal-minuri u cioe' EB.

2. Illi bla hsara ghal premess u f'gieh l-integrita' tal-gudizzju, l-esponent jecepixxi ukoll li minkejja illi l-attrici ddikjarat fir-rikors promotur, illi interpellat diversi drabi il-konvenut sabiex jirrikonoxxi lill-minuri, huwa baqa' qatt ma gie notifikat b' xi ittra ufficcjali, ai termini tal-artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-esponent jistqarr illi ma hux edott mil-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat.

4. Illi l-esponent jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u umilment jitlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhom ghal testijiet genetici kif provdut fl-artikolu 100 A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jigi vverifikat jekk il-konvenut huwiex verament il-missier naturali tal-minuri Matteo Guazzo.

5. Illi bla hsara ghas-suespost, f' kaz li jintlaqaw it-talbiet attrici l-esponent jistieden lil konvenut CD , sabiex jipprezenta d-dettalji personali tieghu, permezz ta' nota li tispecifika senjatament , 1. In-numru tal-karta tal-identita' tieghu, 2, ismu u kunjomu, 3. l-eta' tieghu meta twieled EB, 4. Il-post tat-twelid tieghu, 5. il-post tar-residenza tieghu meta twieled l-minuri, 6. isem u kunjom missieru, 7. Jekk l-imsemmi missier patern kien haj meta

twieled EB. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi inserita fl-att tat-twelid, tal-minuri EB.

6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost l-esponent jissottomettu li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni attrici mhix attriwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas tal-esponenti, u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li qieghda minn issa tigi ngunta in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-Risposta ta' Dr Martin Fenech u PL Jean Pierre Busuttil datata 14 ta' Frar 2019 fejn esponew bir-rispett:-

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mil-fatti u jirrizerva li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun il-kaz.

2. Illi l-minuri ghandu dritt ikun jaf min huwa missieru u ghalhekk l-ahjar isir test tad-DNA.

Rat li l-konvenut assenti gie nontifikat, izda baqa' kontumaci.

**<u>FATTI</u>**

1. L-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut f'Lulju, 2005 tramite hbieb komuni. Kienu bdew jiffrekwentaw lil xulxin u gieli kellhom *dates* flimkien. Tghid li l-konvenut qalilha li kien jigi Malta ta' spiss peress li kien stockbroker.

L-attrici tikkonferma li kellhom relazzjoni intima u kienet spiccat inqabdet tqila. Dak iz-zmien, il-konvenut kien ried jigi Malta u kienet qed tfittixlu post. Meta kienet infurmatu li kienet harget tqila, riedha tmur l-Inghilterra biex taghmel abort u malli rrifjutat kien beda jheddidha u avzaha li ma kienx ser ikun ta' sapport ghaliha u ghat-tarbija.

Fil-31 ta' Marzu, 2006 kienet welldet lil E u ghalkemm kienet ppruvat izzomm kuntatt mal-konvenut kien wissiha li ma kellux interess fihom u ghalhekk ma kellix alternattiva, hlief li tirregistra t-tarbija b' "missier mhux maghruf."

L-attrici tikkonferma li kienet rabbiet lit-tifel wahedha u meta kien beda jikber it-tifel, beda jsaqsiha min kien missieru u kien ghalhekk li hadet parir legali, sabiex forsi l-konvenut jiddeciedi li jaghraf lil ibnu. Meta l-avukat taghha kien ikkuntattja lill-konvenut kien qataghlu t-telefon.

2. IJ, habiba tal-attrici tikkonferma li hi kienet laqqat lill-attrici mal-konvenut ghax kienet tohrog ma' habib tieghu. Kienet taf li l-partijiet kienu damu johorgu flimkien ghal ftit xhur u li kellhom relazzjonijiet intimi. Ikkonfermat ukoll li l-konvenut kien telaq minn Malta.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

L-attrici kellha relazzjoni qasira mal-konvenut CD u tikkonferma li kienet intima ukoll mal-konvenut u spiccat kienet qed tistenna tarbija minghandu. Dan gie kkonfermat mill-habiba taghha IJ.

Meta nfurmat lill-konvenut li kienet qed tistenna lil E, hu ma kienx ta' sapport ghaliha, anzi riedha tmur l-Inghilterra sabiex taghmel abort, izda l-attrici rrifjutat. L-attrici kkonfermat li tul dak il-perjodu li harget tqila ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma' rgiel ohra.

L-attrici ppruvat tikkomunika mal-konvenut, izda kien infurmaha li ma riedx jaf biha u bit-tarbija u ma kellhiex alternattiva li tirregistrah bhala wild ta' « unknown father. » Malli beda jikber it-tifel, bhal kull tifel tal-eta' tieghu beda jsaqsi min verament hu missierhu u meta l-konvenut gie kkuntatjat tramite l-avukat tal-attrici, il-konvenut qata' t-telefon.

L-attrici ma pprezentatx it-testijiet tad-DNA, izda huwa plawsibbli li kien kompitu ferm difficli ghaliha stante l-fatt li l-konvenut kien qed jirrifjuta li jirrikonoxxi lil ibnu u di piu' kien jinstab l-Inghilterra. Kif hija l-prassi f' kawzi ta' filjazzjoni, it-testijiet genetici, huma l-iktar provi qawwija u konferma ta' paternita', pero' mhumiex biss l-unici provi konkluzivi. Jirrizulta mill-assjem tal-provi, li l-attrici ma kellhiex iktar relazzjonijiet intimi f'dak il-perjodu, ghajr ghal mal-konvenut u dan gie kkonfermat mill-habiba taghha stess li kienet konsapevoli tar-relazzjoni bejn l-attrici u l-konvenut. Inoltre, il-konvenut innotifikat bil-kawza odjerna, ghazel li jibqa' kontumaci u ghaldaqstant ma hemm l-ebda kontestazzjoni ghall-verzjoni attrici.

Permezz ta' nota l-attrici kkonfermat is-segwenti dettalji li talbet li jitnizzlu fic-certifikat tat-twelid tal-minuri B :-

a) Eta’ tal-missier naturali CD meta twieled il-minuri – 35 sena;
b) Isem missier CD – CKD (haj);
c) Isem omm CD: LD (hajja).

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenut CD huwa l-missier naturali u biologiku tal-konvenut;
2. Tilqa’ t-tieni talba attrici u tordna li s-sostituzzjoni ssir sa fejn dan hu possibbli skond l-informazzjoni miksuba mill-attrici u pprezentat quddiem dina l-Qorti;
3. Tilqa’ t-tielet talba attrici.

L-ispejjes jibqghu a karigu tal-konvenut CD.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**